

**Emenda 514**

**Anna Zalewska, Krzysztof Jurgiel**  
f'isem il-Grupp ECR

**Rapport**

**Frédérique Ries**

L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ

(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))**Proposta għal regolament**

**Artikolu 6 – paragrafu 2 – subparagraphu 2**

**A9-0319/2023**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**Il-punt (a) għandu japplika mill-1 ta'**  
Jannar 2030 u **l-punt (e) għandu japplika mill-1 ta'** Jannar 2035.

**Il-punti (a) sa (d) għandhom japplikaw ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-att delegat imsemmi fil-paragrafu 4 u mhux qabel l-1 ta' Jannar 2030. Il-punt (e) għandu japplika ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-att delegat imsemmi fil-paragrafu 6 u fi kwalunkwe każ mhux qabel ħames snin mid-data tal-applikazzjoni tal-punt (a).**

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Id-disinjar mill-ġdid tal-imballaġġ jieħu ż-żmien kif ukoll riżorsi finanzjarji u umani sinifikanti. Għandu jkun hemm perjodu ta' tranżizzjoni suffiċċenti bejn il-ħruġ tar-regolamenti tal-UE dwar il-kriterji tad-disinn għar-riċiklaġġ u l-applikabbiltà tagħhom biex il-manifatturi jkunu jistgħu jwettqu t-testijiet meħtieġa. Barra minn hekk, l-adegwatezza tal-imballaġġ għar-riċiklaġġ se tkun iddeterminata, fost affarrijiet oħra, mid-disponibbiltà tal-infrastruttura tal-ġbir, tas-separazzjoni u tar-riċiklaġġ, li tvarja ħafna madwar l-Ewropa.*

**Emenda 515**

**Anna Zalewska, Krzysztof Jurgiel**  
f'isem il-Grupp ECR

**Rapport**

**Frédérique Ries**

L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ  
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**A9-0319/2023**

**Proposta għal regolament****Artikolu 6 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. **Mill-1** ta' Jannar 2030, l-imballaġġ riċiklabbli għandu jikkonforma mad-disinn għall-kriterji tar-riċiklaġġ kif stabbilit fl-atti delegati adottati skont il-paragrafu 4 **u, mill-1 ta' Jannar 2035, anke** mar-rekwiżiti tar-riċiklabbiltà fuq skala kbira stabbilita fl-atti delegati adottati skont il-paragrafu 6. Meta imballaġġ bħal dan jikkonforma ma' dawk l-atti delegati, dan għandu jitqies bħala konformi mal-paragrafu 2, il-punti (a) u (e).

*Emenda*

3. **3. Ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-atti delegati msemmija fil-paragrafu 4 u fi kwalunkwe każ mhux qabel l-1 ta' Jannar 2030, l-imballaġġ riċiklabbli għandu jikkonforma mad-disinn għall-kriterji tar-riċiklaġġ kif stabbilit fl-atti delegati adottati skont il-paragrafu 4.**

**Ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-att delegat imsemmi fil-paragrafu 6 u fi kwalunkwe każ mhux qabel ħames snin mid-data tal-applikazzjoni tal-punt (a) tal-paragrafu 2, l-imballaġġ riċiklabbli għandu jikkonforma wkoll mar-rekwiżiti tar-riċiklabbiltà fuq skala kbira stabbiliti fl-atti delegati adottati skont il-paragrafu 6. Meta imballaġġ bħal dan jikkonforma ma' dawk l-atti delegati, dan għandu jitqies bħala konformi mal-paragrafu 2, il-punti (a) u (e).**

Or. en

**Ġustifikazzjoni**

*Kwalunkwe dewmien fir-rilaxx ta' atti delegati għal dan ir-regolament ma għandux ikollu l-effett li jnaqqas iż-żmien meħtieġ għall-industrija biex tikkonforma mar-rekwiżiti l-ġoddha.*

**Emenda 516**

**Anna Zalewska, Krzysztof Jurgiel**  
f'isem il-Grupp ECR

**Rapport**

**Frédérique Ries**

L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ  
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**A9-0319/2023**

**Proposta għal regolament****Artikolu 6 – paragrafu 5 – subparagraphu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

**Mill-1 ta' Jannar 2030**, l-imballaġġ ma għandux jitqies bħala riċiklabbli jekk jikkorrispondi għall-grad tal-prestazzjoni E **skont id-disinn għall-kriterji tar-riċiklaġġ stabbiliti fl-att delegat adottat skont il-paragrafu 4** għall-kategorija tal-imballaġġ, li jappartjeni għaliha l-imballaġġ.

*Emenda*

**Humes snin mill-adozzjoni tal-att delegat li jistabbilixxi d-disinn għall-kriterji tar-riċiklaġġ skont il-paragrafu 4**, l-imballaġġ ma għandux jitqies bħala riċiklabbli jekk jikkorrispondi għall-grad tal-prestazzjoni E għall-kategorija tal-imballaġġ, li jappartjeni għaliha l-imballaġġ.

Or. en

**Emenda 517**

**Anna Zalewska, Krzysztof Jurgiel**  
f'isem il-Grupp ECR

**Rapport**

**Frédérique Ries**

L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ  
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**A9-0319/2023**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 6 – paragrafu 10 – punt ca (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ca) (ca) L-imballaġġ għal formula tat-trabi u formula tal-prosegwiment, ikel ipproċessat biċ-ċereali u ikel tat-trabi, u ikel għal skopijiet mediċi speċjali kif definit fl-Artikolu 1, il-punt (a), (b) u (c) tar-Regolament (UE) Nru 609/2013.*

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ikel maħsub għat-trabi u għal tfal żgħar u ikel għal skopijiet mediċi speċjali hu mmirat lejn gruppi sensittivi ta' konsumaturi li s-saħħha tagħhom tirrikjedi proteżżejjon speċjali. Dan digħà huwa rifless fir-Regolament (UE) Nru 10/2011 dwar il-materjali u ogħġetti maħsuba li jiġu f'kuntatt mal-ikel, li jipprevedi limiti partikolarment stretti fuq il-migrazzjoni speċifika ta' ġerti sustanzi mill-imballaġġ tal-ikel għat-trabi u t-tfal żgħar. Għalhekk, l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 6 ta' dan l-abbozz ta' regolament jirrikjedu perjodu itwal ta' żmien biex dan it-tip ta' imballaġġ jiġi adattat.*

**Emenda 518**

**Anna Zalewska, Krzysztof Jurgiel**  
f'isem il-Grupp ECR

**Rapport**

**Frédérique Ries**

L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ  
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**A9-0319/2023**

**Proposta għal regolament****Artikolu 7 – paragrafu 1 – parti introduttora**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. *Mill-1 ta' Jannar 2030, il-parti tal-plastik fl-imballaġġ għandu jkun fiha l-perċentwal minimu li ġej ta' kontenut riċiklat irkuprat mill-iskart tal-plastik ta' wara l-użu mill-konsumatur, għal kull unità tal-imballaġġ:*

*Emenda*

1. *1. Ħames snin mid-data tal-adozzjoni tal-att ta' implementazzjoni li jistabbilixxi l-metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tal-perċentwal ta' kontenut riċiklat irkuprat mill-iskart tal-plastik ta' wara l-użu mill-konsumatur skont l-Artikolu 7, l-operaturi ekonomiċi għandhom jiżguraw il-perċentwal minimu li ġej ta' kontenut riċiklat irkuprat mill-iskart tal-plastik ta' wara l-użu mill-konsumatur, bħala medja tal-portafoll ġenerali tal-imballaġġ tal-plastik tal-operatur ekonomiku mqiegħed fis-suq tal-Unjoni li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn ir-rekwiżiti.*

Or. en

**Għustifikazzjoni**

Jinżamm l-approċċ tad-Direttiva 2019/904 (SUP) li tgħid li l-kontenut riċiklat għandu jiġi kkalkulat bħala medja, aktar milli għal kull unità ta' imballaġġ. Bidla fl-approċċ ikollha implikazzjonijiet sinifikanti għall-industrija u għas-suq tal-UE. Is-suq attwali għall-PET riċiklat (polietilentereftalat) huwa limitat ħafna, u dan jikkawża problemi serji b'rasha mal-aċċess għal din il-materja prima. Metodoloġija ta' medja għal kull entità tillimita l-problemi potenzjali tal-provvista li jistgħu jiffacċċjaw xi kumpaniji.

**Emenda 519**

**Anna Zalewska, Krzysztof Jurgiel**  
f'isem il-Grupp ECR

**Rapport**

**Frédérique Ries**

L-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ  
(COM(2022)0677 – C9-0400/2022 – 2022/0396(COD))

**A9-0319/2023**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 7 – paragrafu 3 – punt da (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(da) (da) l-imballaġġ għal formula tat-trabi u formula ta' prosegwiment, ikel ipproċessat biċ-ċereali u ikel tat-trabi, u ikel għal skopijiet mediċi speċjali kif definit fl-Artikolu 1, il-punti (a), (b) u (c) tar-Regolament (UE) 609/2013.*

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ikel maħsub għat-trabi u għal tfal żgħar u ikel għal skopijiet mediċi speċjali hu mmirat lejn gruppi sensittivi ta' konsumaturi li s-saħħha tagħhom tirrikjedi proteżżejjon speċjali. Dan digħà huwa rifless fir-Regolament (UE) Nru 10/2011 dwar il-materjali u ogħġetti maħsuba li jiġu f'kuntatt mal-ikel, li jipprevedi limiti partikolarment stretti fuq il-migrazzjoni speċifika ta' ġerti sustanzi mill-imballaġġ tal-ikel għat-trabi u t-tfal żgħar. Għalhekk, l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 7 ta' dan l-abbozz ta' regolament jirrikjedu perjodu itwal ta' żmien biex dan it-tip ta' imballaġġ jiġi adattat.*